- Talba għal penali wara li talba għall-
għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni
ġiet milqugħa proviżorjament – Artiklu 836 tal-Kap 12

MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA**

Digriet Kamerali

**Rikors Numru 902/2018**
**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni Numru 1345/2018/1 GM fl-ismijiet:**

Joseph Gauci, Carmel Gauci, Christopher Fenech, Ronald Fenech, Silvio Fenech, Samantha Camilleri

kontra

Angelo Fenech

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat fid-29 t'Awwissu 2018 minn Angelo Fenech li permezz tiegħu talab il-ħlas ta' penali a tenur tal-Artiklu 836 tal-Kap 12 billi fit-22 t'Awwissu 2018 talbu u kisbu, in mala fede, l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontrih biex jinżamm milli b'xi mod titrasferixxi l-permess tat-tmexxija,

amministrazzjoni, okkupazzjoni jew gestjoni ta' *Fenech Petrol Station* fi Triq il-Mosta, San Pawl-il-Baħar u milli jimponi xi piż jew obbligazzjoni jew bi kwalunkwe mod ieħor jgħaddi t-tgawdija temporanja jew xort'oħra jiddisponi minn, jew xort'oħra jinnegozja dwarha;

Illi f'dik id-data din il-Qorti ma ħarġet l-ebda Mandat, għajr wieħed proviżorju sakemm kellha l-opportunita` li tisma' x'kellu xi jwieġeb l-istess Angelo Fenech.

Illi din il-Qorti għandha dubbju serju kemm l-Artiklu 836 japplika għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji proviżorji – għalkemm il-liġi ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn mandati proviżorji u dawk definittivi. Apparti li l-impożizzjoni tal-penali mhix tassattiva għall-Qorti. Fi kwalunkwe każ ma jirriżultax li t-talba għall-ħruġ tiegħu saret in mala fede jew li kkawżat xi danni lil Angelo Fenech.

Għaldaqstant tiċħad it-talba; spejjeż ta' dan ir-rikors a kariku tal-istess Angelo Fenech.

Mogħti kameralment fil-31 t'Ottubru 2018.

Onor. Grazio Mercieca

Imħallef